MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 1754/2004

**Citadel Insurance Plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Antonio Vella, sija bil-ligi, l-istess Antonio Vella**

**vs**

**Kim Rose Pace u b'digriet tal-15 ta' Marzu, 2005, it-Tribunal awtorizza s-socjeta' Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited tintervjeni fil-kawza**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' mitejn, disgha u disghin lira Maltin u sitta u sittin centezmi (Lm 299.66) jew somma verjuri li dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jakkorda, jekk hemm bzonn permezz ta' perit jew periti nominandi, rapprezentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku tal-25 ta'

Lulju, 2002, fi Triq San Antnin, Marsascala, bejn il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni DAB 269, misjuqa minn Anthony Vella u proprjeta’ ta` l-istess Anthony Vella u l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni EBF 109, misjuqa mill-konvenuta, prevja d-dikjarazzjoni jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara tort unikament tal-konvenuta minhabba traskuragni imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta` l-istess konvenuta.

Il-konvenuta ghalkemm interpellata anke permezz ta’ ittra ufficjali tal-11 ta’ Marzu, 2004, baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficjali tal-11 ta’ Marzu, 2004 ipprezentata kontra l-konvenuta u ta` l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment kontra s-socjeta` assikurattrici tal-konvenuta *ai termini* tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha kontra l-konvenuta, li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Illi b’digriet tal-15 ta’ Novembru, 2004, it-Tribunal laqa’ rikors tas-socjeta’ Fogg Insurance Agencies Limited li tintervjeni fil-kawza.

Ra r-risposta sollevata mis-socjeta` intervenjenti Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ estera Norwich Union International Insurance Limited, fejn gie sollevat illi l-eccipjenti socjeta’ intervenuta fil-kawza Fogg Insurance Agencies Limited ma tistax tigi tenuta li taghmel tajjeb ghad-danni reklamati mis-socjeta’ attrici *ai termini* tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan stante illi l-konvenuta ma kienetx koperta mill-polza ta’ assikurazzjoni relattiva ghall-vettura EBF 109, fiz-zmien meta sehh l-incident *de quo* u dan kif jista’ jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ra r-risposta sollevata mill-konvenuta fejn eccepiet illi t-talba attrici hija preskritta *ai termini* ta` l-artiklu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez peress illi l-incident

awtomobilistiku tal-25 ta' Lulju, 2002 sehh minhabba tort unikament imputabbli lil Anthony Vella.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa ezagerat.

Ra lli t-Tribunal fis-26 ta' Mejju, 2006, cahad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta.

Illi ghalhekk it-Tribunal ha jipprocedi sabiex jiddeciedi dwar il-mertu.

Sema' x-xhieda ta' Anthony Vella, Kim Rose Pace, Joseph Pace, Anthony d'Alfonso, PC 1606 Robert Vassallo u Jacqueline Mifsud.

Ra l-atti kollha ezebiti fil-kawza.

Sema` t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Illi din il-kawza titratta dwar incident awtomobilistiku bejn s-socjeta' attrici kif surrogata fid-drittijiet tal-klijent taghha Anthony Vella u l-istess Anthony Vella u Kim Rose Pace li sehh fi Triq Sant' Antnin, Marsascala huma u telghin fid-direzzjoni ta' Santa Lucija. Il-mertu ta' din il-kawza tikkoncerna zewg vetturi.
Illi jidher illi l-vettura li kienet qed issuq il-konvenuta ma kienetx koperta bil-polza ta' assikurazzjoni relattiva ghall-vettura EBF 109 fiz-zmien meta sehh l-incident. Illi fil-fatt jirrizulta illi 'claim' fil-konfront tas-socjeta' intervenjenti li kien sar minn Jacqueline Mifsud, xebba Pace, kien gie rtirat minnha. Jacqueline Mifsud li fiz-zmien tal-incident kienet xebba ikkonfermat illi s-sewwieq koperti mill-assikurazzjoni tal-vettura EBF 109 kienu ix-xhud stess u l-gharus taghha, llum zewgha Carmel Mifsud.

Il-konvenuta xehdet illi fejn sar l-incident kien hemm karozza pparkjata mal-bankina hdejn l-HSBC, karozza ohra li kienet 'double parked' u t-tielet vettura u cioe' dik tal-konvenuta tielgha fid-direzzjoni ta' Santa Lucija. Il-

konvenuta tghid illi hija kienet lwiet il-vettura taghha fuq il-lemin meta l-vettura li kienet *double parked* fethet il-bieba taghha. Tghid ukoll illi hija xelghet l-*indicator* qabel ma gibdet fuq il-lemin. Hija qalet illi l-incident sehh meta ta' warajha u cioe' Anthony Vella qalgha sabiex jaghmel sorpass tal-vettura ta' quddiemu u l-impatt bejn iz-zewg vetturi sehh f'dak il-mument.

L-iskizz maghmul mill-Pulizija juri illi l-vettura EBF 109 gibdet ghal fuq il-vettura DAB 269 fuq in-naha tal-lemin u l-vettura DAB 269 tidher illi parti minnha kienet fuq ic-*centre strip.* Il-konvenuta ma qablitx ma` l-iskizz u ddikjarat illi l-vettura DAB 269 kienet tinsab iktar mac-*centre strip.*

Illi skond ix-xhieda ta' Anthony Vella huwa qal illi kien tielgha t-triq ta' St Antnin, Marsascala u ta' quddiemu ghamlet manuvra u dahlet fih. Huwa qatt ma ammetta illi kien ghamel xi manuvra ta' sorpass u ma jaqbilx mar-rapport tal-Pulizija mehud *a tempo vergine* illi huwa kien qed jittenta manuvra ta' sorpass.

It-Tribunal jinnota illi jezistu zewg verzjonijiet konfliggenti.

Fil-fehma tat-Tribunal, jidhirlu illi sabiex jasal ghal konkluzzjoni gusta u ekwa dwar min hu responsabbli ghall-ispejjez tal-kawza ghandu joqghod fuq il-provi dokumentali u x-xhieda li nstemghet. Illi t-Tribunal jidhirlu illi minhabba l-fatt illi hemm xhieda konfliggenti ha jkollu jestendi l-indagini tieghu fuq il-provi dokumentali.

Illi fil-fehma tat-Tribunal jidhirlu illi fit-triq li sehh l-incident u skond l-iskizz migjub bhala prova, il-karreggjata ma tiehux iktar minn tlett vetturi. Ghalhekk, jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni karozza pparkjata fil-karreggjata jistghu jghaddu l-izjed zewg vetturi. Il-konvenuta tghid illi max-xellug taghha kien hemm vettura 'double parked' u meta din il-vettura fethet il-bieba taghha din ilwiet il-vettura fuq il-lemin taghha sabiex tevitaha u kif ilwiet sabet il-vettura misjuqa minn Anthony Vella fuq il-lemin taghha u sar it-tamponament.

Huwa principju stabbli ta 'lane discipline' illi min ikun qieghed jghaddi minn 'lane' ghall-iehor, is-sewwieq m'ghandux jikkaguna inkonvenjent jew periklu ghall-vetturi ohra.

Il-Highway Code taghna tghid illi (Nru 79) "When changing direction you must invariably signal your intention to turn well in advance and make sure that it is safe to do so by looking in your mirror.'

Illi minn naha taghha, l-konvenuta tghid illi meta ntebhet illi l-bieba tal-vettura 'double parked' qed tinfetah hija lwiet ghal fuq il-lemin, izda qabel ma lwiet xelghet 'l-indicator.' It-Tribunal m'huwiex konvint illi il-konvenuta fil-fatt xeghlet 'l-indicator' peress illi nstintivament jekk bieba ta' vettura ha tahsdek awtomatikament ir-reazzjoni tkun li tilwi f'dak il-mument u zgur ma jkunx hemm bizzejjed hin sabiex tixghel l-*indicator,* frazzjoni ta' sekondi qabel. Ghal xi raguni l-konvenuta lwiet ma` l-lemin izda meta lwiet fuq il-lemin sabet lil ta' warajha ma genbha. Ta' warajha qal li kien miexi fi triqtu izda l-konvenuta qalet illi kien qed jaghmel manuvra ta' sorpass. It-Tribunal huwa tal-fehma illi sewwieq li ha jaghmel manuvra kif ghamlet il-konvenuta ghandu jiehu l-prekawzjonijiet kollha. Ghalkemm il-konvenuta insistiet illi s-sewwieq tal-vettura DAB 269 kien qed jaghmel manuvra ta' sorpass mic-*centre strip*, it-Tribunal m'huwiex konvint illi hija hadet il-prekawzjonijiet kollha rikjesti mir-regolamenti tat-traffiku meta lwiet u di fatti lanqas ma harset fil-mera ha tara min hu gej minn warajha. Hija qabdet u lwiet u skond il-verzjoni taghha xeghlet *indictors.*

Illi ghalkemm il-konvenuta ssostni illi xeghlet l-*indicators*, hija zgur ma kellhiex cans thares lejn il-mera ha tara xi traffiku kella minn warajha. Dan di fatti hi lanqas ma stqarritu. It-Tribunal huwa konvint illi l-konvenuta bidlet il-*lane* taghha minghajr preavviz, u ghalkemm it-Tribunal jista' jikkoncedi illi xeghlet l-*indicators*, dan mhux bizzejjed u kellha thares fil-mera. Evidentement, il-konvenuta ghamlet manuvra ta' malajr u ma kienetx rat li kien hemm vettura ma genbha. Ghalhekk, it-Tribunal huwa konvint illi l-agir tal-konvenuta kien il-kawza prossima ta' dan l-

incident u ghalhekk ghandha twiegeb ghad-danni mitluba mill-atturi.

Illi s-socjeta' intervenjenti esprimiet il-pozizzjoni taghha u t-Tribunal fehemha.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna l-konvenuta Kim Rose Pace thallas fis-somma ta' mitejn, disgha u disghin lira Maltin, sitta u sittin centezmi (Lm 299.66) bl-ispejjez kif mitluba.

Spejjez tal-kawza a karigu tal-konvenuta

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------